MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09/2020

It-Tlieta, 21 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

09.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina kien skużat minħabba impenji ta' xogħol.

### 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

09.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 8/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

09.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

09.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għall-minuti.

09.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-ċirkulari dwar id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, u tenna biex nerġgħu nġeddu lis-Sur Ryan Debrincat. Kien hemm qbil dwar dan.

09.3.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li bdiet tiġi ndirizzata l-problema ta' nuqqas ta' dawl ġewwa Marsalforn. Ġew installati xi *floodlights* f'diversi toroq. Ġew mibdula ukoll il-fanali taz-zuntier tal-Knisja u qed jixgħelu. Hu żied li kien hemm żieda żgħira fl-ispiża minħabba li kellu jinbidel il-cable li kien tbaskat. Hu informa ukoll li ġew installati lampi ġodda ħdejn Triq Barda. Is-Sur Baskal Saliba staqsa jekk hux ser isiru l-*floodlights* tal-parking. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li reġa bagħat *reminder* lil Ministeru.

09.3.3 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba mill-MCAST biex jimpjega b'xejn student għall-15-il siegħa mal-Kunsill. Dan l-istudent ser ikun jagħmel xogħol ta' tindif ġewwa Marsalforn.

09.3.4 Is-Sindku għamel aċċen dwar biċċa art li hemm mitluqa u mimlija terrapien fi Triq is-Sagħtrija, malli taqbeż il-parti ta' Wied il-Għasri, fejn qabel kien hemm l-iskips. Wara li ċċekja mal-Perit tal-Kunsill, sab li dan hu raba' tal-Gvern. Hu ssuġġerixxa li nagħmlu talba lil Ministeru għal Għawdex jekk il-Kunsill jistax jużaha bħala *BBQ area*. Hu sostna li qabel ma' jsir proġett bħal dan irridu naraw l-qagħda finanzjara tal-Kunsill. Is-Sinjura Sandra Grech issuġġeriet jekk il-parti ħdejn il-breakwater tistax tinbidel f'BBQ area. Is-Sindku wieġeb biex nistaqu lil Perit tal-Kunsill.

09.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ħarġu żewġ sejħiet għall-offerti tax-xogħlijiet; dik ta' xogħol ta' restawr fuq ħitan tas-sejjiegħ fi Triq tas-Sagħtrija u dik ta' ġbir ta' skart domestiku mil-lokalita' taż-Żebbuġ u Marsalforn. Kien hemm qbil li jintgħażlu l-membri tas-soltu biex jiffurmaw il-bord tal-evalwazzjoni.

09.3.6 Is-Sindku ppreżenta l-*Performance Appraisal Reports* tal-Uffiċjal Eżekuttiv, tal-Assistent Prinċipal, tas-Segretarju Eżekuttiv, tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti u tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2019. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *Performance Bonus* sħiħ għal dawn l-impjegati.

09.3.7 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa għall-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill, polza ta' assigurazzjoni tkopri inċidenti personali, kif ukoll polza ta' assigurazzjoni tal-flus. Kien hemm qbil mill-membri li jsir it-tiġdid ta' dawn it-tlett poloz.

09.3.8 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl li l-festa din is-sena ser issir is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 ta' Frar 2020. Huwa talab għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex bħal snin oħra biex jipprovdi s-servizz tal-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

09.3.9 Hu informa lil dawk preżenti dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-amministrazzjoni ta' l-Universita' *Queen Mary* fuq l-inċidenti li seħħew fuq studenti barranin ġewwa Marsalforn. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Sinjura Sandra Grech. Is-Sur Daniel Cordina u s-Sur Baskal Saliba kienu skużati. L-amministrazzjoni

ta’ din l-iskola għamlet pressjoni mal-Kunsill biex issir laqgħa mal-Pulizijia għal aktar infurzar ġewwa Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jistenna risposta mingħand il-Pulizija dwar id-disponibilita’ tiegħu għal din il-laqgħa.

09.3.10 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma lil dawk preżenti li hu bagħat email lil *Water Services* kif ukoll lid-Dipartiment tas-Sanita’ rigward l-ilma li ilu ħiereġ fi Triq il-Qbajjar. Tas-Sanita’ reġgħu bagħtu t-testijiet li l-ilma li ħiereġ mhuwiex drenaġġ. Hu qal li bħala Kunsill għandna nistennew u naraw x’se jiġri. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li s-sitwazzjoni sejra mill-ħażin għall-agħar.

09.3.11 Ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti għall-ilmenti li qed jidħlu dwar it-tqassim tal-*brochures* bir-reklamar ta’ Lidl Supermarket mitfewin fl-art jew f’postijiet disasbitati u li qed jtiru bir-riħ. Hu sostna li l-problema hi ta’ min qed iqassamhom. Min-naħħa l-oħra ma tistax taqta dan is-servizz ta’ informazzjoni. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat *email* lil Lidl Supermarket biex jiġbdu l-attenzjoni ta’ dawk il-ħaddiema li qed iqassmu bieb bieb biex ikunu aktar responsabbli. Kien hemm qbil dwar dan.

09.3.12 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil Onor. Dott. Justyne Caruana tax-xogħol li għamlet għal Għawdex tul kemm damet Ministru għal Għawdex. Min-naħħa l-oħra awgura lil Ministeru għal Għawdex il-ġdid, is-Sur Clint Camilleri u lil Dott. Anton Refalo bħala Ministru għal Agrikoltura, Biedja u Sajd. Hu talab lil Kunsill biex tintbagħat email ta’ ringrazzjament u ta’ awguri rispettivament. Kien hemm qbil.

09.3.13 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-istaff tal-Kunsill xtaqu jixtru forn żgħir għall-uffiċju. Kien hemm qbil li jinxtara wieħed.

09.3.14 Is-Sindku fakkar lil Kunsill fil-*webcams* tal-Pjazza u ta’ ġol-Knisja li nħarqu. Kif kien deċiż minħabba raġunijiet li kulħadd jaf x’inhuma l-*webcam* tal-pjazza għalissa mhux ser issir. Il-Kunsill ġabar l-istejjem meħtieġa għal-*webcam* ta’ ġol-knisja u bagħat lis-Sur Jimmy Saliba biex jagħmilha. Hekk ħadd ma jimplika li bħala Kunsill ma’ jridx li ssir.

09.3.15 Is-Sindku informa lill-membri dwar it-tiġdid ta’ sħubija fil-*Gozo Action Group* għas-sena 2020 għall-parteċipazzjoni fil-*Leader Programme Project*. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

09.3.16 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li waħda mill-istaff, is-Sinjorina Frances Cefai kissret sieqa. Il-Kunsill awguralha fejqan ta' malajr.

## 09.4 Karnival 2020

09.4.1 Il-Kunsill approva l-attività tal-Karnival għal din is-sena. Din ser issir nhar il-Ħadd 23 ta' Frar 2020 fi Pjazza l-Assunta minn 12:15pm 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament u approva li:

- Jkun hemm marċ brijuż mill-Banda Santa Marija, li jitlaq minn quddiem il-każin tal-Banda sal-Pjazza.
- Is-sehem ta' diversi kumpaniji taż-żfin
- Il-parteċipazzjoni ta' maskri grotteski
- Prinjolata u l-kukkanja tradizzjonali
- Jsiru kompetizzjonijiet tal-kostumi u tal-maskarati (tingħata tifkira lill-parteċipanti kollha tal-kompetizzjonijiet)
- Kiri ta' PA System
- Isiru *posters* u *leaflets.*

## 9.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

09.5.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq il-Fondi LESA. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-ġranet li ġejjin se jiltaqa' ma' Dr J. Mintoff mill-uffiċċju tad-DPO biex jara x'hemm bżonn biex il-Kunsill ikun konformi mal-*policies* tad-Data Protection. Hu żied li se jkun qed jiltaqa' wkoll mal-kuntrattur li se jkun qed jinstalla dawn il-*cameras*.
- Irreferiet għal-iskema tal-*Cat Cafe'*. Is-Sindku wieġeb li ġa għandna problema kbira bil-qtates fir-raħal. Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jidħol għal din l-iskema.
- Talbet biex issir terġa' issir tabella *One Way* fi Triq Mons. Ġużeppi De Piro. Kien hemm qbil dwar dan.
- Talbet biex isir friskar ta' *single yellow line* quddiem garaxx fl-aħħar parti ta' Triq il-Ponta. Kien hemm qbil dwar dan.
- Talbet biex tiġi nstallata bozza ġdida u *floodlight* ħdejn l-istatwa tas-Salve Regina fi Triq l-Imgħallem peress li hemm nuqqas ta'

dawn f'din il-parti tat-triq. Is-Sindku wieġeb biex tintbagħat talba lill-Inġinier biex naraw x'jista' jsir. Tenniet ukoll li hemm arblu mingħajr bozza quddiem l-impjant tat-tarmak. Is-Sindku wieġeb li dan l-arblu ġa ġie rrapurtat u l-Kunsill għamel l-*claims* meħtieġa mal-Pulizija.

- Talbet aġġornament fuq ix-xogħol fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku wieġeb biex nikkuntattjaw lil kuntrattur biex ikompli ħalli titlesta t-triq. Hu tenna li fadal l-aħħar parti ta' fuq biex titqaxxar u jinbidlu xi servizzi ta' l-ilma. Is-Sindku rringrazzja lil kuntrattur tax-xogħol illi għamel sa issa.
- Talbet biex isiru xi tip ta' *traffic signs* jew *traffic calming measures* fit-Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku wieġeb li għandna nibgħatu email lil Transport Malta bis-suġġerimenti ta' tabelli SLOW SIGNS jew anki xi *reflectors* fl-art minħabba li peress li hi nieżla ma' jistax jintuża ħafna, speċjalment minn ħdejn il-blata tal-Miġitar. Hu tenna li l-ispejjeż għal dawn l-affarijiet jistgħu jitħallsu mill-istess fondi tat-triq.
- Talbet aġġornament fuq il-Latrina tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ordna l-madum kif ukoll is-*sanitary ware*. Beda wkoll ix-xogħol tal-kisi, li qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Daqt jitlestew is-sullijiet u qed nistennew stima tal-bibien. Is-Sindku tenna biex nkellmu lill-ħaddiema biex sa' l-aħħar ta' Frar bidu ta' Marzu jitlestew ix-xogħlijiet.
- Talbet biex isir *railing* mat-taraġ li sar mill-Ministeru għal Għawdex fil-Bajja tax-Xwejni. Is-Sindku wieeb biex nitkellmu mad-Dipartiment ta' Eko-Għawdex. Hu ssuġġerixxa wkoll biex il-ħajt tal-konkos li sar ikun tajjeb li jinkesa'. Kien hemm qbil li ssir talba lil Ministeru.
- Talbet aġġornament fuq it-Tender tal-Playing field. Is-Sindku wieġeb li għadna nistennew xi pjanti mingħand il-Perit tal-Kunsill.
- Talbet aġġornament fuq it-Tender tal-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbagħtet l-*award letter* u qed nistennew il-kuntrattur jippreżenta d-dokumenti meħtieġa biex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt.
- Talbet biex il-Kunsill ikun jista' jistħarreġ il-possibilità li r-residenti jkunu jistgħu jħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien ħarġet applikazzjoni għal min kien

interessat u l-Kunsill kien applika. Sa llum qatt ma' kellna risposta. Is-Sindku tenna li għandna nibgħatulhom *reminder* li l-Kunsill għadu interessat. Kunsilli oħrajn iżgħar minnha jagħtuh dan is-servizz. Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet fuq il-possibilità ta' ATM fir-raħal. Is-Sindku wieġeb li żmien ilu l-Kunsill kien pprova jinstalla waħda imma ma' kienx hemm approvazzjoni.

- Ipproponiet biex issir ħarġa kulturali għal Malta fix-xahar ta' Marzu. Is-Sindku wieġeb li idea tajba u ssir f'waħda mill-vaganzi pubbliċi li hemm f'Marzu. Kien hemm qbil dwar dan.

09.5.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq iż-*zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mill-aħħar korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand Transport Malta għamluha ċara li jekk issir iż-*zebra crossing* titneħħa l-*bus stop*. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' Transport Malta biex naraw x'jista' jsir.
- Talbet aġġornament fuq il-fanali taz-zuntier tal-Knisja ġewwa Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li dawn ġew mibdula u qed jixgħelu.
- Qajjmet il-kwistjoni tal-problema ta' l-ilma ħiereġ fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku ssuġġerixxa li nibagħtulhom ittra bl-avukat lid-Dipartimenti konċernati. Kien hemm qbil dwar dan.
- Talbet biex isir xi *patching* fi Triq il-Qbajjar u fi Triq Manuel Magro. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.
- Infurmat lil dawk preżenti li xi drabi l-borża s-sewda qed iddum ma' tinġabar f'Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill infurmat li kien hemm xi ġranet li l-kuntrattur kellu t-trakk bil-ħsara. Talbet biex nerġgħu nqassmu l-iskedi tal-ġbir ta' l-iskart, speċjalment fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li fil-ħafna tad-drabi n-nies qed joħorġu l-iskart x'ħin ifettlilhom.
- Tenniet li fit-Triq ir-Rabat hemm ħafna dlam. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-ġranet li għaddew bagħat ħaddiem filgħaxija jiċċekkja l-arbli. Instab li kien hemm bozza maħruqa u ġiet irrapurtata. Is-Sindku wieġeb li l-problema hi li bejn arblu u ieħor hemm distanza kbira.
- Infurmat li fil-Menqa fejn għaddejjin ix-xogħlijiet hemm ħafna

dlam. Is-Sindku wieġeb li hemm hu responsabbli l-kuntrattur.

09.5.3 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa lil dawk preżenti li hemm bozza maħruqa fl-aħħar parti fi Triq il-Ponta. Is-Sindku wieġeb li ġie ga rrapurtata. Hu żied li hemm bozza fuq il-latrina fi Pjazza l-Assunta ilha ħafna mitfiha. Hu tenna li importanti li jsiru l-*follow ups* u nagħmlu aktar pressjoni fuq il-kuntrattur.
- Informa lil Kunsill li t-*timer* li jirregola d-dawl tal-bandli fil-Playingfield taż-Żebbuġ mhux qiegħed jaħdem sew. Is-Sindku wieġeb biex nirrappurtaw lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Talab biex isir xi ħaġa ħabba r-riħa li tiela'minn tappiera ħdejn il-klabb tal-futbol. Is-Sindku wieġeb li għandna nirrapurtaw lis-Sezzjoni tad-Drenaġġ. Kien hemm qbil.
- Talab aġġornament fuq it-turf tal-bandli tal-playingfield taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jagħmel pressjoni biex jipprova jinqala' u jibda' x-xogħol kemm jista' jkun malajr. Il-Viċi Sindku wieġbet li anke l-bandli m'humiex fi stat tajjeb. Is-Sindku li hemm rapport li juri li dan il-bandli hu kkundannat. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li ssir aktar pressjoni fuq il-Perit tal-Kunsill u jekk naraw li x-xogħol se jdum biex jibda' jinġiebu l-istejjem meħtieġa biex isir xi turf f'xi partijiet ta' dan il-bandli.
- Ippropona biex isir festun tad-dawl quddiem il-*Playingfield* taż-Żebbuġ għas-Sajf biex ikun hemm aktar dawl, bħalma kien isir ġewwa Marsalforn. Il-Viċi Sindku staqsiet għala l-festun ta' Marsalforn m'għadux isir. Is-Sindku wieġeb li dak kien isir min-naħħa tal-Ministeru għal Għawdex. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li nġibu l-istejjem meħtieġa għal festun u l-arbli ma' fejn se jitwaħħal. Is-Sindku tenna l-fatt li rridu noqgħodu attenti ħabba l-istat li fih qegħdin l-finanzi tal-Kunsill.

## 09.6 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

09.6.1 Ċirkulari DLG 23/2019 – Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Lokali 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.2 Korrispondenza mingħand Heidi Grech mill-*Animal Welfare* rigward Proġett ta' *Cat Cafe'* f'Għawdex. Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jidħol għal din l-iskema.

09.6.3 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Jennifer Bonello rigward klassijiet ta' *aerobics*. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li jerġa jsiru.

09.6.4 Ċirkulari AKL 2020/002 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut u ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jidħol għal din l-inizjattiva.

09.6.5 Korrispondenza mingħand Is-Sa. L Debono mill-*Cultural Heritage Directorate – Easter in Gozo - Invitation*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.6 Korrispondenza OPM – Estiża d-Data tal-Għeluq tal-Iskema *Achievers* għat-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.7 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex – Tnedija tal-Ktieb *Gozo, A Portrait of an Island*, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2020 fis-7.00pm ġewwa l-Librerija Pubblika ta' Triq il-Vajrinġa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.8 Korrispondenza mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl, Marsalforn rigward il-Festa ta' San Pawl 2020. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa' jipprovdi s-servizz tal-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ.

09.6.9 Ċirkulari AKL 2019/135 – *LCA Christmas Gathering.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.10 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *Tutti Frutti: change of date.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.11 Korrispondenza DLG – New Portfolios. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.12 Ċirkulari AKL 2020/005 – *Personal Accident Policy*. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva t-tiġdid ta' din il-polza.

09.6.13 Ċirkulari DLG 1/2020 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.14 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – Stedina: Kunċert Strumentali u Vokali fis-Sala tal-Wirjiet, Ministeru għal Għawdex, 25 ta' Jannar fis-7.30pm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.15 Ċirkulari AKL 2020/004 – L-użu tal-Lingwa Maltija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.16 Direttiva DLG 8/2019 – Servizz ta' knis fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.17 Ċirkulari AKL 2020/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva t-tiġdid tal-polza għall-membri tal-Kunsill, u tal-ħaddiema kemm klerikali kif ukoll dawk tal-CWSEF.

09.6.18 Ċirkulari AKL 2020/003 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva sħubija f'din il-polza sabiex il-Kunsill ikun protett fl-eventwalita' ta' xi inċident tal-ħaddiema u l-membri.

09.6.19 Ċirkulari DLG 2/2020 – Aċċess għad-Direttivi, Ċirkularijiet, Memos u Noti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.20 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *Invitation: It's Christmas Time.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.21 Korrispondenza – *Savina Christmas Open Day.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.22 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *Tutti Frutti Event - Invite.* Il-Kunsill innota l-kontenut

09.6.23 Korrispondenza – Uffiċċju Kultura Għawdex – *Invitation: It's Christmas Time.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.24 Korrispondenza - Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet – It-Tieni Edizzjoni tal-Parlament tas-Sindki. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.6.25 Ilment Nru. 01/2020 – G. Attard
Jitlob biex isiru *parking spaces* fi Triq il-Munġbell, Marsalforn u biex

jerġgħu isiru *double yellow lines* fi Triq il-Qbajjar kif indikat fis-site plan. Is-Sindku wieġeb li għandna nerġgħu nfakkru lil Perit. Kien hemm qbil.

09.6.26 Ilment Nru. 02/2020 – G. Hooper
Titlob li jsir *Cat Café* / *Feeding Station* ġo Marsalforn u Qbajjar. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

09.6.27 Ilment Nru. 03/2020 – J. Refalo
Jitlob kumplens mill-Kunsill minħabba d-danni li soffra fil-vettura tiegħu fi Triq il-Qbajjar Marsalforn. Il-Kunsill qabel li jingħata dan il-kumpens.

09.6.28 Ilment Nru. 04/2020 – C. Saliba
Jitlob biex isir *traffic management* u *safety precautions* għall-pedonali int u ħiereġ barra r-raħal wara incident ta' traffiku li kellu. Jilmenta li tajna d-dritt lil min juża l-karozza u m'hemmx rispett għall-pedonali. Jissuġġerixxi li ssir tabella li turi 15km. Is-Sindku wieġeb li għandna nerġgħu nfakkru lil Perit u jekk hemm bżonn jiltaqgħu fuq il-post. Kien hemm qbil fuq dan.

09.6.29 Ilment Nru. 05/2020 – MGOZ
Jilmenta' biex titranġa parti minn Triq is-Sagħtrija, ż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb biex jingħataw id-dettalji korretti.

09.6.30 Ilment Nru. 06/2020 – A. Baldacchino
Tilmenta li l-problema tal-*jelly fish* ma hix tiġi trattata fiż-żmien tas-Sajf. Minħabba l-ġebel u l-ħaxix fil-Wied ta' Marsalforn li qed jimblokka l-ilma tax-xita u għandu jsir xi tip ta' riserva tal-ilma bħal ma hemm fiċ-*Chadwick Lakes.* Hemm bżonn ta' *rubbish bins* ma' kull naħħa ta' Triq il-Wied. Fid-direzzjoni ta' Marsalforn għar-Rabat hemm bżonn ta' bankina mingħajr siġar u pjanti għaliex qed ikunu ta' perikolu għan-nies. L-istess għal Triq Santa Marija, fejn lanqas hu aċċessibli għal *wheelchair.* Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu dawn l-ilmenti lil Ministeru. Kien hemm qbil dwar dan.

## 09.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

09.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 07/2019 għall-perjodu bejn it-13 ta'

Diċembru 2019 u s-17 ta' Jannar 2020 li tammonta għal €52,405.97 ġiet approvata u ffirmata.

## 09.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għal-Ħamis 27 ta' Frar 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 27 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| *iffirmata* | *iffirmata* |
| Nicky Saliba | Neville Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |